MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 661/2011

**Elmo Insurance Limited [C-3500] kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Clint Farrugia u l-istess Clint Farrugia [ID Nru. 188883M]**

**Vs**

**Carmela Chircop [ID. Nru. 682651M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2011** u li permezz taghha talbu lill-intimata thallashom is-somma ta' elf mija sitta u tmenin euro u tmienja u tletin ċenteżmi ta' euro [€1,186.38c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Is-somma ta' elf mija sitta u tmenin ewro tmienja u tletin ċenteżmu [€1,186.38c] mitluba b'dan l-avviz tirrapreżenta d-danni kollha sofferti mill-attur Clint Farrugia, assigurat tas-socjeta Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlu

tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta’ elf wiehed u sittin ewro tmienja u tletin ċenteżmu [€1,061.38] is-socjeta attriċi Elmo Insurance Limited, u in kwantu ghall-ammont ta’ mija hamsa u ghoxrin ewro [€125] l-istess Clint Farrugia in linea ta’ excess payment, bhala riżultat ta’ inċident awtomobilistiku illi sehh fi Triq Hal-Qormi, Hamrun, fis-16 ta’ Novembru 2010 [Dok. A] meta waqt li l-attur Clint Farrugia kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni AYG-028 proprjeta tieghu, il-konvenuta qasmet l-istess triq f’salt, minn bejn il-vetturi, u konsegwenza tal-mauvra azzardata taghha, spiċċa nvolut intortament l-attur Clint Farrugia, fejn subixxa hsarat fil-vettura tieghu.

Ghaldaqstant, il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-imsemmi inċident u konsegwenzjali danni bhala riżultat ta’ negliġenza traskuraġni u imperizja.

Bl-ispejjes, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-25 ta’ Marzu 2011 u bl-imghax legali b’effett mill-25 ta’ Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, li hija ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fis-17 ta’ Novembru, 2011 u li permezz taghha hija wieġbet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Illi mhux minnu illi l-konvenuta aġixxiet b’mod azzardat kif qed jiġi allegat mill-atturi, iżda ghal kuntlarju hija qasmet wara li użat il-prudenza rikjesta mill-ligi.

Illi kien l-attur illi kien qed isuq b’mod irresponsabbli tant illi huwa tajjar lill-konvenuta u spiċċat rikoverata l-Isptar.

Ghaldaqstant ebda flejjes ma huma dovuti mill-konvenuta”.

Ra r-risposta ulterjuri ta’ l-intimata minnha mressqa fil-25 ta’ Jannar, 2013 fejn hija irrilevat li “*Illi l-kawza odjerna ma taqax fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li ma taqax taht il-kompetenza tieghu rationae materiae u*

*ghaldaqstant dan it-tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni tal-kawza*".

Ra s-sentenza preliminari tieghu datata 15 ta' Lulju, 2013.

Ra l-kapitolu ghas-subizzjoni ta' l-intimata mressaq mis-socjeta rikorrenti fit-12 ta' Novembru, 2013

Ra li l-verbal tas-27 ta' Novembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-subizzjoni ta' l-intimata.

Ra l-verbal tat-8 ta' Jannar, 2014 fejn il-kapitolu ghas-subizzjoni ta' l-intimata ppreżentat mis-socjeta rikorrenti gie michud u t-Tribunal, fuq talba tal-intimata ddikjara l-gbir tal-provi maghluqa u halla l-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti talbu komplessivament il-hlas minghand l-intimata s-somma ta' €1,186.38c rappreżentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti Clint Farrugia, assigurat taghha, bhala riżultat ta' inċident awtomobilistiku illi sehh fi Triq Hal-Qormi, Hamrun, fis-16 ta' Novembru 2010 meta waqt li r-rikorrenti Clint Farrugia kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AYG-028 proprjeta tieghu, l-intimata qasmet l-istess triq f'salt, minn bejn il-vetturi, u konsegwenza tal-mauvra azzardata taghha, spiċċa nvolut intortament ir-rikorrenti Clint Farrugia, fejn subixxa hsarat fil-vettura tieghu. Minn dan l-ammont hawn imsemmi, s-socjeta rikorrenti hallset lir-rikorrenti s-somma ta' €1,061.38 bhala danni filwaqt li r-rikorrenti Clint Farrugia da parti tieghu kellu jhallas *excess payment* fl-ammont ta' €125 u ghalhekk huwa ghandu jiġbor dan l-ammont minghand l-intimata, liema ammont, thallas intortament minnu minhabba l-incident de quo. L-intimata da parti taghha laqghet ghat-talba tar-rikorrenti billi qalet li mhux minnu li hi aġixxiet b'mod azzardat kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti u anzi ghal kuntlarju hija qasmet wara li użat il-prudenza rikjesta mill-ligi. Ziedet tghid li kien ir-rikorrenti Clint Farrugia li kien qed isuq b'mod irresponsabbli tant illi huwa tajjar lill-intimata u spiċċat rikoverata l-Isptar.

Taghlaq ir-risposta taghha billi tghid li ghalhekk hija ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Skond ma jirrizulta mill-piers report esebit mis-socjeta rikorrenti mat-talba taghha, r-rikorrenti stqarr li "*kont ghaddej minn triq Hal-Qormi tiela lejn Bellizzi b'velocita normali ta' madwar 35km fejn mil-karregata opposta tieghi kien hemm diversi vetturi li kienu miexjin bilmod minhabba l-fatt li kien hemm it-traffiku fejn f'dak il-mument harget mara minn bejn il-vetturi u jien ilqata bil-vettura*" (fol. 5).

3. **Ir-rikorrenti Clint Farrugia** xehed fis-seduta tal-24 ta' April, 2012 u qal li fis-16 ta' Novembru, 2010 huwa kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-Marsa minn Triq Hal-Qormi. Ma kien hemm hadd mieghu fil-vettura. Jkompli jghid li din it-triq fiha żewġ *lanes* u ghalhekk jghaddu biss żewġ karozzi minn din it-triq, wahda fuq naha u ohra fuq in-naha l-ohra. Imbaghad, fuq in-naha tieghu ma jkunx hemm vetturi pparkjati u allura "*... kelli vista tajba ta' dak li kien hemm fuq dik in-naha*" (fol. 20). Fil-*lane* l-ohra, u allura dik li mill-Marsa taghti lejn il-Hamrun, it-traffiku "*... nieżel bil-mod*" (fol. 20). Huwa qalli kien ghaddej b'velocita ta' madwar hamsa u tletin kilometru fis-siegha. L-incident sehh meta "*f'daqqa u l-hin harget mara minn [wara] vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni tieghi mill-lane opposta u jiena ppruvajt inzomm il-break iżda ma stajt naghmel xejn hlief nolqotha*" (fol. 20). Qal li huwa pprova jaghfas il-*break* iżda kien kollu ta' xejn ghax kien lehaq laqatha. Qal li huwa kien ra lill-intimata thares in-naha opposta tieghu u mhux lejn in-naha tal-*lane* li minnha kien ghaddej hu. Zied ighid li l-vettura li harget minn warajha l-intimata kienet vettura kbira l-ghaliex kieku kienet wahda zghira kien jilhaq jaraha.

Ghar-rigward tal-hsarat li garbet il-vettura tieghu, r-rikorrenti jghid li "*... kelli daqqa fuq il-pilastru minn naha tax-xufier fuq in-naha ta' ta' quddiem, kelli daqqa ohra wkoll fil-bumper fuq in-naha tal-lemin fuq in-naha tax-xufier*" (fol. 20-21). Kien ir-rikorrenti li ċempel lill-

ambulanza u imbaghad waslu l-pulizija fuq il-post. Huwa ikkonferma l-i*sketch* li gie esebit a fol. 6.

Qal ukoll li huwa kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni *comprehensive* u li huwa thallas ghal ispejjeż li garbet il-vettura tieghu mis-socjeta rikorrenti. L-ammont li thallas kien ta' €1,061.38c u li huwa kien hallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €125 bhala *excess*.

In kontro-ezami r-rikorrenti qal li ghar-rigward tal-velocita li huwa kien ghaddej biha, u cioe meta xehed li kien ghaddej bil-hamsa u tletin kilometru fis-siegha, huwa qal li din il-velocita ikkalkolaha huwa u mhux ghax kien hares lejn l-*ispeedometer*. Qal li kien ilu jsuq ghal dawn l-ahhar ghaxar/hdax-il sena. Mistoqsi meta kemm kien il-boghod mill-intimata qabel ma laqatha huwa qal li kien madwar tlett metri biss. Fil-fatt, ikompli jghid ir-rikorrenti "*... ma lqatthiex b'nofs il-karozza fuq in-number plate imma lqattha bil-bumper fuq il-genb fuq in-naha tax-xellug, korrezzjoni bil-mudguard*[1]" (fol. 52). Kien proprju f'din id-distanza ta' tlett (3) metri li huwa kien ra lill-intimata thares fid-direzzjoni opposta u mhux fid-direzzjoni minn fejn kien gej hu. Qal li kien impossibbli ghalih li huwa jieqaf minkejja li ghafas il-break hekk kif appena raha. Ir-rikorrenti qabel mas-suggeriment maghmul li l-intimata, mad-daqqa, "... *taret fuq il-pilastru tal-vettura tieghi fuq in-naha tax-xufier*" (fol. 52).

4. **Is-Surgent tal-Pulizija PS 1195 Conrad Debattista** xehed u qal li fiz-zmien li sehh l-incident u cioe fis-16 ta' Novembru, 2010 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. Kien hu li ghamel l-i*sketch* meta wasal fuq il-post u sab lir-rikorrenti u l-vettura tieghu u lill-intimata li sa dak il-mument, kienu lehqu waslu l-paramedici fuq il-post. Kompla jghid li l-intimata taghtu l-verzjoni taghha u dan minkejja li huwa ma kitibiex fuq il-piers report. Qal li l-intimata kienet ghadha kif marret tixtri l-laham minn hanut li kien jinsab faċċata ta' fejn sehh l-incident u hi qasmet it-triq minn fejn kienu ghaddejjin il-

[1] Iktar l-isfel fix-xhieda tieghu, r-rikorrenti jghid li "... jiġifieri l-ewwel meta kont qieghed nghid il-mudguard kont qed nirreferi ghan-naha tax-xufier" (fol. 52).

vetturi bil-mod, harset lejn żewġ nahat biex tara jekk hux gejjin karozzi u kif rat li ma kien gej hadd hi qabdet u qasmet u "*... x'hin kienet qeghda thares fid-direzzjoni opposta hasset daqqa*" (fol. 26). Huwa qal li mill-investigazzjonijiet tieghu, r-rikorrenti ma kellhu xejn quddiemu u kellu viżwali tajba tat-triq. Il-hsarat li garbet il-vettura tar-rikorrenti kienu kollha fuq in-naha tal-lemin taghha.

In kontro-ezami, s-Surgent qal li meta wasal fuq il-post, l-intimata qaltlu "*skuzani tort tieghi jiena qsamt*" (fol. 60). Zied ighid li huwa dan il-kliem ma niżlux fil-*piers report* però jiftakru car. Ghar-rigward tal-velocita li biha kien ghaddej ir-rikorrenti Clint Farrugia, s-Surgent qal li mill-investigazzjoni tieghu u minn dak li qallu l-istess rikorrenti, dan "*... ma kienx ghaddej b'xi veloċità barra minn lokha ghal dik il-lokalita*" (fol. 60). Qal ukoll li l-intimata ma kienitx mitlufha minn sensieha meta huwa wasal fuq il-post fejn sehh l-incident iżda kienet eccitata. Qal li "*jista jkun li d-diskors li qaltli hi illi ammettiet mieghi li kien tort taghha li sehh dan l-incident li dan id-diskors intqal il-ghaliex kienet f'dak l-istat però din kienet l-ewwel verżjoni taghha, anki fil-verzjoni li ktibt jiena bhala Surgent fuq l-accident report hemm il-kliem "il-verzjoni tieghu u anke l-iskits* [recte: skizz] *tal-incident fejn mill-ewwel stharrig preliminari rrizulta li dan l-incident sehh minhabba l-fatt li Carmen Chircop qabdet u qasmet minn bejn il-vetturi li kienu weqfin fit-traffiku u kif harget din ġiet imtajra mill-vettura l-ohra li kienet tiela*" (fol. 60). Dan, ighid ix-xhud "*ikompli jikkonferma dak li ghidt jiena ghar-rigward tal-ammissjoni tat-tort da parti tal-intimata*" (fol. 60). Zied ighid ukoll li huwa kien ipprepara *waiver* biex tiffirma l-intimata jekk hi riedet biex il-kaz ma jispiċċax il-qorti u dan peress li l-griehi li kienet soffriet kienu ta' natura hafifa. Kompla jghid li l-intimata fil-fatt iffirmat din il-*waiver*. Huwa qal li meta l-intimata marret l-Ghassa tal-Pulizija, l-ghaliex huwa kien baghat ghaliha, huwa ma emendax il-*piers report* u dan peress li ma kienx hass il-htiega li jaghmel hekk. Qal ukoll li huwa kien ċempel lir-rikorrenti Clint Farrugia u kien infurmah li l-intimata ma rieditx tipproċedi kriminalment kontrih. Ghalaq billi qal li da parti tieghu, r-rikorrenti "... *kien qalli li kien sejjer jaghmel claim ma' l-*

*insurance sabiex din il-kwistjoni tiġi risolta minnhom*” (fol. 61).

5. **George Stagna Navarro** rappreżentant tas-socjeta rikorrenti qal li kien sar *survey* fuq il-vettura tar-rikorrenti minn Andrew Palmier, liema *survey* gie esebit u mmarkat bhala dok. ELM1 a fol. 40 tal-process. Huwa qal li l-hsarat li ġarrbet il-vettura tieghu kienu kollha fuq in-naha tal-lemin taghha. Huwa kkonferma l-ircevuti kollha li gew esebiti mis-socjeta rikorrenti. In kontro-ezami, x-xhud spjega ċertu terminoloġija li kien hemm fis-survey report ta’ Andrew Palmier u spjega ukoll l-istess. Qal li l-ammont tad-danni li garbet il-vettura tar-rikorrenti kienu jammontaw ghal €1,158.43c u maghhom irid jiżdied l-ammont ta’ €27.95c li huma l-ispejjez tas-*survey*. Huma dawn iz-zewg ammonti li s-socjeta rikorrenti qeghda tirreklama minghand l-intimata. L-excess ta’ €125 u li hallas ir-rikorrenti lis-socjeta minnu rappresentata iridu jithallsu direttament lir-rikorrenti Clint Farrugia l-ghaliex dan l-ammont tnaqqas minn dak li hallset is-socjeta rikorrenti lir-rikorrenti Farrugia u allura huwa dovut direttament lilu.

6. **L-intimata xehdet** fis-6 ta’ Dicembru, 2012 u qalet li dak in-nhar li sehh l-incident, hija kienet marret tixtri l-laham minghand il-Burgu Butcher li jidher fir-ritratt li hija esebit u li jinsab a fol. 67 (doc. CC 1). X’hin lestiet mix-xirja, hija mxiet fid-direzzjoni ta’ fejn hemm l-istop sign tidher ukoll f’dan ir-ritratt. X’hin waslet hemm, tkompli tghid l-intimata, kien hemm wahda mara li waqfitilha u bdiet taqsam. Waqt li kienet qeghda taqsam, “*... erġajt harist fid-direzzjoni tal-Marsa fuq in-naha tal-lemin tieghi biex nara li ma jmurx ikun hemm xi hadd li jipprova jaqbeż lil din il-mara li kienet waqfitli*” (fol. 65). Qalet ukoll li “*sadanittant harist ukoll lejn id-direzzjoni tal-Hamrun u ma rajt lil hadd gej*” (fol. 65). L-incident sehh hekk kif appena bdiet miexja minn quddiem il-vettura ta’ din il-mara li kienet waqfitilha biex taqsam. Qalet li “*kif appena harist kif diġà ghidt biex nara jekk kienx hemm xi hadd li ser jaqla lil din il-mara bdejt miexja u hemmhekk qlajt daqqa ta’ karozza li kienet qeghda tinstaq min naha tal-Hamrun*” (fol. 65). Bid-daqqa, qalet l-intimata, hija gholliet, bdiet

tara d-dlam u stordiet. Ziedet tghid li safejn taf hi ma kien mar l-ebda pulizija jkellimha waqt li din kienet mixhuta ma l-art. Kellmithom meta marret l-Ghassa tal-Pulizija fuq talba tas-Surgent li investiga dan il-kaz. Tichad li hija qatt qalet lis-Surgent tal-Pulizija li dan l-incident sehh tort taghha. L-intimata esebiet ukoll xi ritratti ohra u filmat ta' x'kienu ġabu l-ahbarijiet filghaxija dwar l-incident in kwistjoni.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. F'dan il-kaz, l-intimata cahdet kull responsabbilita ghall-akkadut u ghalhekk jehtieg li dan it-Tribunal jeżamina ukoll il-provi li tressqu quddiemu sabiex jara li dak li qalet l-intimata u cioe li hija użat il-prudenza meta hija ġiet biex taqsam it-triq in kwistjoni u li kien r-rikorrenti li kien qieghed isuq b'mod irresponsabbli. It-Tribunal, ma jarax li dak li qeghda tghid l-intimata fir-risposta taghha jista jiġi milqugh. Id-dinamika ta' l-incident juri li dak li qal ir-rikorrenti Clint Farrugia ghandu iktar mis-sewwa u l-probabilita hija li l-incident sehh kif xehed hu.

8. Insibu, fis-sentenzi tal-Qrati taghna li hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment viżibbli. *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view*[2]. Inghad ukoll li "*The duty to look implies the duty to see what is in plain view"* [ara **<u>Gibbs</u> – Trial of Motor Car Accident Cases**].

9. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-*pedestrian* ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karreggjata. Fil- kawza **Joseph Micallef vs Joseph Sammut** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2001, gie osservat li: "… l-utenti tat-triq, u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-

[2] Ara **Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Novembru, 1998 per Imh. F. G. Camilleri – Koll. Vol. Nru. LXXXII/iii/322;

obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa *'used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"* (**Gibb** para 127)[3]**.**

10. Illi huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **Rita Calleja vs Joseph Agius**[4] fejn gie ri-affermat il-principju li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza*[5]*".*

11. Naraw li l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 ghallmet li in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-*

[3] Ara **Carmel Schembri et noe vs Dorianne Zerafa** deciza fit-12 Lulju 2001 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imh. R. C. Pace u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 2005; **Joseph Cachia vs Carmelo Conti** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru, 1963 per Imhallef Xuereb (Vol. XLVII/ii/1002) u **Joseph Bonnici et noe vs Noel Formosa et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju, 2004 per Onor. Imh. N. Cuschieri.

[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 1995 per S.T.O. Prim' Imhallef J. Said Pullicino (Kollez. Vol. Nru. LXXIX/ii/277).

[5] Ara **Il-Pulizija vs Alfred Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. Nru. XXXIX/iv/1031) per Imhallef W. Harding

*sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[6].

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[7].

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat*;

12. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[8].

13. B'referenza ghall din il-kawza, it-Tribunal jirrileva li Triq Hal-Qormi hija triq li minnha jghaddu żewġ vetturi opposti ghal xulxin. Ma gemb il-*lane* li mill-Marsa tiehdok

---

[6] Ara **Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Vol. XLVI.I.5);
[7] Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII.I.577);

[8] Ara **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1912 (Kollez. Vol. XXIV.I.104);

ghall-Hamrun imbaghad jipparkjaw il-vetturi. B’hekk it-triq li minnha kien ghaddej ir-rikorrenti hija *two lane.* Wahda li mill-Hamrun tiehdok lejn il-Marsa (fejn kien qieghed isuq ir-rikorrenti) u ohra li mill-Marsa tiehdok lejn il-Hamrun (mill-liema *lane* kienet qeghda taqsam l-intimata). L-intimata stess tistqarr li hija kienet qeghda tixtri l-laham minghand il-hanut bl-isem ta’ Burgu Butcher (li jidher fir-ritratt esebit a fol. 67) u li x’hin waslet fejn l-istop sign li tidher f’dan l-istess ritratt hija waqfet biex tistenna l-vetturi jghaddu. Inzerta li kien hemm mara li kienet ghaddejja bil-vettura taghha li waqfitilha biex tkun tista taqsam u li fi kliem l-intimata stess, x’hin bdiet taqsam “*... erġajt harist fid-direzzjoni tal-Marsa fuq in-naha tal-lemin tieghi biex nara li ma jmurx ikun hemm xi hadd li jipprova jaqbeż lil din il-mara li kienet waqfitli*” (fol. 65). L-intimata tistqarr ukoll li hija harset fid-driezzjoni opposta u cioe fid-direzzjoni tal-lane li mill-Hamrun tiehdok ghall-Marsa u dan sabiex tara jekk kienux gejjin karozzi u ma rat lil hadd u ghalhekk kompliet taqsam. It-Tribunal ma huwiex konvint minn din il-verzjoni. Ibda biex jekk l-intimata harset fid-direzzjoni tal-Marsa biex tara jekk kienx hemm xi vettura li kienet sejra taqbeż il-vettura tal-mara li kienet waqfitilha biex taqsam, dan ghamlitu x’hin kienet quddiem il-vettura ta’ din il-persuna. Sakemm lahqet dawret wiċċa biex thares lejn id-direzzjoni opposta imbaghad sabet ma wiċċha lir-rikorrenti. It-Tribunal jista jikkonstata anke mir-ritratt esebit li t-triq f’dik il-parti fejn sehh l-incident ma tantx hija wiesgha u jghaddu żewġ vetturi bl-ezatt. Fil-fatt f’dik il-parti tat-triq ma jistghux jipparkjaw karozzi u hemm anke tabella li tindika li dik il-parti hija *tow zone*. Allura hija wisq probabbli li hekk kif l-intimata kienet miexja quddiem il-vettura li waqfitilha biex taqsam, qeghda thares fid-direzzjoni ta’ din il-vettura biex tara jekk hemmx xi vettura ohra li forsi setghet taqbiza hija baqghet miexja u hekk kif appena dawret rasha biex tara jekk kienux gejjin vetturi minn naha opposta (mid-direzzjoni minn fejn kien gej ir-rikorrenti) hija sabitu ma wiċċha bil-konsegwenza li hija ntlaqtet minnu. Dan jikkorrabora ukoll dak li qal ir-rikorrenti a tempo vergine meta qal li “*f’dak il-mument harget mara minn bejn il-vetturi u jien ilqata bil-vettura*” (fol. 5) u dak li qal waqt ix-xhieda tieghu li huwa ra lil intimata madwar tlett metri qabel ma sehh l-incident huwa kien ra lill-

intimata "*... thares in-naha opposta u cioe fid-direzzjoni li kont sejjer jiena u mhux fid-direzzjoni li kont gej minna jiena*" (fol. 20). Anke l-hsarat li garbet il-vettura tar-rikorrenti kollha jindikaw li l-verzjoni li ta l-istess rikorrenti hija aktar verosimili milli dik li tat l-intimata meta xehdet quddiem it-Tribunal. Apparti minn hekk, insibu ukoll id-deposizzjoni tas-Surgent 1195 Conrad Debattista li qal li l-intimata ammettiet mieghu li l-incident sehh tort taghha ghalkemm f'dan ir-rigward l-intimata tghid li safejn tiftakar hi ma kellmet lil ebda pulizija fuq il-post u lanqas ma ammettiet li l-incident li sehh kien sehh tort taghha. Pero t-Tribunal, mehud kollox in konsiderazzjoni jqis li l-intimata ma osservatx ir-regolamenti tat-traffiku u li l-incident li sehh, sehh tort uniku taghha.

14. Ghar-rigward tal-ispejjez involuti u d-danni mhallsa, t-Tribunal huwa konvint li dawn huma rejali u ma nġiebet l-ebda prova sabiex huwa jiġi konvint mod iehor. Ghalhekk sejjer jilqa t-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, t-tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-istess intimata sabiex thallashom l-ammont reklamat ta' elf mija sitta u tmenin euro u tmienja u tletin ċenteżmi ta' euro [€1,186.38] liema somma ghandha tinqasam in kwantu ghal elf u wiehed u sittin euro u tmienja u tletin ċenteżmi ta' euro [€1,061.38] lis-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghar-rimanenti mija u hamsa u ghoxrin euro [€125] lir-rikorrenti Clint Farrugia bl-imghaxijiet fuq dawn iz-zewg ammonti jibdew jiddekorru mill-25 ta' Marzu, 2011 id-data ta' l-ittra uffiċjali.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------